

Brussell, 23 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9156/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0265 (COD)**

**TRANS 188
CLIMA 157
ENV 371
COMPET 396
CODEC 637**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2023) 445 final; COM(2023) 445 annex
Suġġett:	Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi, għal ċerti vetturi tat-triq, id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet massimi awtorizzati - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2023 bħala parti mill-Pakkett "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku".
2. Il-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, minn hawn 'il quddiem "Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq", għandha tliet objettivi: (a) biex jiġi żgurat aħjar il-moviment liberu u effiċjenti tal-merkanzija u l-kompetizzjoni ġusta, (b) jiġu pprovduti inċentivi suffiċjenti għas-settur biex jitħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero u (c) jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti u konsistenti tar-regoli ġodda u eżistenti.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

3. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sa Rosa SERRANO SIERRA (S&D, ES) bħala r-rapporteur. Il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tat-12 ta' Marzu 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-582 sessjoni plenarja tas-26 ta' Ottubru 2023. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-159 sessjoni plenarja fil-31 ta' Jannar 2024.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta u l-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-proposta fl-4 u d-19 ta' Settembru, fis-6, is-16 u t-23 ta' Ottubru u fit-13 ta' Novembru. Il-Presidenza Spanjola ppreżentat rapport ta' progress lill-Kunsill (15668/23) fl-4 ta' Diċembru 2023. Taħt il-Presidenza Belġjana l-Grupp ta' Ħidma kompla l-eżami tal-kompromessi tal-presidenza fit-23 ta' April, fis-7 ta' Mejju, fil-21 ta' Mejju u fis-7 ta' Ġunju 2024. Il-Presidenza Belġjana ppreżentat it-tieni rapport ta' progress lill-Kunsill (10214/24) fit-18 ta' Ġunju 2024. Il-proposta ma ġietx diskussa matul il-presidenza Ungeriża.
6. Taħt il-Presidenza Pollakka, il-Grupp ta' Ħidma kompla l-eżami tal-kompromessi tal-presidenza fit-13 u l-21 ta' Mejju 2025.

IV. ĦIDMA GĦAL KOMPROMESS

7. Il-presidenza Pollakka identifikat żewġ sfidi ewlenin. L-ewwel, kif tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi tqal itqal, jiġifieri vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv jew b'emissjonijiet żero, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li għad għandhom bżonn jaġġornaw l-istat tan-network tat-toroq. Għal dak l-għan, hija kompliet il-ħidma fuq il-kunċett ta' network pożittiv. Tali network jippermetti lill-Istati Membri, jekk ikunu jixtiequ, jillimitaw iċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi l-aktar tqal għal għadd limitat ta' toroq. Dan in-network jespandi maż-żmien biex ikopri n-network kollu tat-toroq tat-TEN-T sal-2045. L-isfida ewlenija kienet li jiġi stabbiliti regoli ċari li jippermettu l-infurzar ta' dan in-network, b'mod partikolari fil-kuntest tal-passi previsti li jikkonċernaw żieda gradwali fil-kopertura tiegħu. Ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex tkun possibbli sistema li minn naħa tippermetti infurzar aktar faċli, filwaqt li tindirizza l-problema tat-tagħbija żejda tal-vetturi u tipproteġi l-istat tal-infrastruttura, u min-naħa l-oħra ma timponix wisq piż fuq l-operaturi tat-trasport bit-triq. It-tieni sfida hija relatata maċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi ta' 44 tonnallata mġhammra b'magna tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali u internazzjonali. Filwaqt li l-proposta fiha tneħħija gradwali ta' dan it-tip ta' trasport, diversi Stati Membri qiesu li t-tneħħija gradwali mhijiex biżżejjed. Il-presidenza kompliet taħdem fuq il-kunċett ta' awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni biex tippermetti lill-Istati Membri jwaqqfu ċ-ċirkolazzjoni ta' dan it-tip ta' vetturi, abbażi ta' evidenza dwar l-impatt negattiv, u fl-istess ħin tipprovdi salvagwardji li jiżguraw trattament ugwali u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Madankollu, il-modalitajiet għal tali klawżola ta' salvagwardja għadhom mhumieks żviluppati sal-livell meħtieġ biex jinkiseb biżżejjed appoġġ fil-Kunsill. Ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġi żviluppat aktar il-kunċett ta' klawżola ta' salvagwardja.

V. KONKLUŻJONIJIET

8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper u l-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress, fil-laqgħat tagħhom tat-28 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2025, rispettivament.